

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 855/2009****tas-17 ta' Settembru 2009****li jipprojbixxi s-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIIa u b minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-politika komuni tas-sajd] <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 43/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jstabbilixxi għall-2009 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet Komunitarji, għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid <sup>(3)</sup>, jistipula l-kwota għall-2009.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2009.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu abbord, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art ikunu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2009 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbud minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppublikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi v s-Sajd

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 22, 26.1.2009, p. 1.

## ANNEX

Nru	15/T&Q
Stat membru	Spanja
Stokk	SOL/8AB.
Speċi	Lingwata komuni ( <i>Solea solea</i> )
Żona	VIIIa u b
Data	30 ta' Lulju 2009